# FIL-PRIM' AWLA TAL-QORTI CIVIL

**IMHALLEF**

**ONOR. GEOFFREY VALENZIA B.A., LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha, 26 ta' April, 2002.**

**Kawza Numru: 29**

**Citaz. Nru. 1840/98GV**

Doc. 243-02

**John u Mary Grace konjugi Bonavia**

**Vs**

**Grezzju Cassar**

**Il-Qorti.**

**Preliminari**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz taghha gie premess illi l-atturi nkarigaw lill-konvenut sabiex jesegwixxi xoghol ta' tqeghid ta' madum tac-ceramika fil-fond "*Saint Joseph*", Triq Santa Tereza, Zabbar, billi kienu l-istess atturi li ssupplew il-materjal relativ ;

Premess illi x-xoghol fuq imsemmi ma giex ezegwit skond is-sengha u l-arti, tant illi jinhtieg li jinqala' kollu;

Premess illi ghax-xoghol involut il-konvenut thallas minghand l-atturi l-ammont ta' hames mija u tlieta u tletin Liri Maltin u tmenin centezmu (Lm533.80);

Premess ukoll illi l-atturi gew li sofrew danni ohrajn b'rizultat ta' l-ezekuzzjoni hazina tax-xoghol da parti tal-konvenut;

Ghaldaqstant l-atturi talbu lil din il-Qorti biex:

1 Tiddikjara u tiddeciedi li x-xoghol ta' tqeghid ta' madum hawn fuq imsemmi ma giex ezegwit skond is-sengha u l-arti da parti tal-konvenut;

2 Tordna lill-konvenut sabiex ihallas lura lill-atturi l-ammont ta' hames mija u tlieta u tletin Liri Maltin u tmenin centezmu (Lm533.80) li gie mhallas lill-istess konvenut kif fuq spjegat;

3 Tillikwida d-danni l-ohrajn sofferti mill-atturi b'rizultat ta' l-ezekuzzjoni hazina tax-xoghol da parti tal-konvenut, komprizi l-hlas ghax-xiri da parti ta' l-atturi tal-madum imqieghed mill-konvenut u l-ispejjez mehtiega ghar-rimozzjoni tal-madum hekk imqieghed, okkorrendo b'opera ta' perit nominand; u

4 Tordna lill-konvenut ihallas lill-atturi d-danni li jigu hekk likwidati;

Bl-ispejjez, komprizi dawk ta' zewg ittri legali, u bir-riserva ta' kull dritt ta' azzjoni ulterjuri ghad-danni, kontra l-konvenut.

Rat id-dikjarazzjoni tal-atturi a fol. 3 tal-process;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut a fol. 9 tal-process fejn eccepixxa:

Illi t-talbiet kollha attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt, u ghandhom jigu respinti minn dina l-Onorabbli Qorti bl-ispejjez kollha kontra l-istess atturi, u

dana stante l-fatt illi x-xoghol ta' tqeghid ta' madum in kwistjoni illi l-eccipjent kien gie inkarigat mill-atturi sabiex jesegwixxi a favur taghhom kien gie debitament minnu esegwit skond ma titlob is-sengha u l-arti – skond kif jigi ppruvat ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

Illi subordinatament, u minghajr l-ebda pregudizzju ghall-premess, l-appalt ghat-tqeghid ta' madum illi kien gie moghti mill-atturi lill-eccipjent, u li ghalih l-eccipjent thallas is-somma ta' Lm533.80 kif indikata mill-istess atturi fic-citazzjoni taghhom, kien ikopri t-tqeghid ta' madum sew mal-hitan kif ukoll mal-art ta' diversi partijiet tal-fond "*Saint Joseph*" Triq Santa Tereza, Zabbar, mentri l-ilment tal-atturi kien limitat biss ghall-madum ta' l-art f'zewg kmamar tal-hasil;

Illi subordinatament, u wkoll minghajr pregudizzju ghal fuq premess, l-attur kien ghen lill-eccipjent tul l-andament kollu tax-xogholijiet u kien l-istess attur illi sahansitra kien ihallat it-tajn u jixhet l-istess tajn mal-art fejn imbaghad l-eccipjent kien qieghed il-madum. Jidher ghalhekk illi l-istess attur seta' kkontribwixxa ghal kwalsiasi difetti fit-tqeghid tal-madum illi jistghu jirrizultaw lil dina l-Onorabbli Qorti, jekk ma jinstabx ukoll illi kien hu li kien addirittura unikament responsabbli ghall-istess difetti;

Illi subordinatament ukoll, u minghajr l-ebda pregjudizzju ghall-premess, meta l-atturi kienu lmentaw mal-eccipjent ma kienux hallewh jaccedi fuq il-fond mal-Perit tieghu sabiex ikun jista' jivverifika u jikkostata n-natura tal-ilment u l-kawza taghha. Biss minn tibdil ta' xi erba' madumiet l-eccipjent seta' jaccerta ruhu illi s-sodda kienet tajba;

Salv kull eccezzjoni ulterjuri spettanti lill-eccipjent.

Rat id-digriet a fol. 13;

Rat ir-relazzjoni tal-Perit David Pace.

**Relazzjoni Perit**

Illi il-perit nominat minn dina l-Qorti ikkonkluda li t-talbiet attrici ghandhom jigu milqugha;

1. il-konvenut ghandu jhallas lura s-somma ta' Lm533.80 prezz li thallas tat-tqeghid tal-madum;

2. il-konvenut ghandu jhallas is-somma ta' Lm240 bhala terz tal-prezz ta' Lm720 valur tal-madum ta' l-art mixtri mill-atturi;

3. il-konvenut ihallas ukoll is-somma ta' Lm200 ghall qlugh tal-madum illi tqieghed hazin.

4. B'hekk il-konvenut ghandu jhallas in linea ta' danni s-somma ta' Lm1,129.82.

**KONTESTAZZJONI**

Il-konvenut ma qabilx mal-konkluzzjonijiet tal-perit tekniku u ssottometta li kien l-istess attur li kien ghamel sodda mhux adekwata ghall madum. L-atturi kienu qed jirfsu fuq il-madum biex imorru ghal fuq il-bejt. Inoltre l-madum tal-hajt tqieghed tajjeb hlief ghal zewg *tiles* fil-bordura u ma kellux ghalfejn jinqala' kollu.

Minn naha l-ohra l-attur ma qabilx li ghandu jiehu biss terz ta' Lm720 billi hu kellu jibdel kollox ghax ma setghax iqabbel il-madum gdid ma dak li diga kien hemm.

**KONSIDERAZZJONIJIET**

L-ilment ta' l-attur ma jirrigwardax l-ewwel kamra izda l-ambjenti l-ohra. L-ilment jirrigwarda l-madum li qed jiccaqlaq u l-*grouting* tal-fili. Fis-*shower room* qed jilmenta li l-madum tal-hajt tqieghed mimdud u mhux wieqaf u l-faxxa ddisinjata ma tqeghditx bid-disinn kontinwu.

**Caqliq ta' madum u *grouting***

Dwar l-ewwel ilment il-perit kellu dan xi jghid:

*Mill-kostazzjonijiet maghmula jidher car illi l-madum imqieghed fl-ambjenti interni u cioe' fejn indika l-attur ghandhom difett illi m'ghandhomx aderenza ghas-sodda w allura bl-uzu jibdew jiccaqalqu u wara ftit il-grounting jibda jinqasam.*

Din in-nuqqas ta' aderenza hi r-raguni ghaliex il-madum jiccaqlaq u mhux ghaliex il-madum kien qed jintrifes, haga li l-attur cahad li ghamel.

Il-perit qal li dina n-nuqqas ta' aderenza setghet giet ikkawzata anke mill-fatt li c-*cement* seta' kien maqtugh u allura ma pprovdiex ir-rabta bejn il-madum u s-sodda ta' taht. Id-difett jinsab fit-tqeghid u billi dana sar mill-konvenut, hu ghandu jwiegeb ghalih. Il-konvenut bhala bniedem tas-sengha kien jinduna li kieku c-*cement* ma kienx ta' kwalita' tajba.

Il-konvenut qed jissottometti li l-attur kien anke ghagen it-tajn hu. L-attur da parti tieghu qal li hu qatt ma firex tajn ma l-art u meta ghagen dan ghamlu quddiem il-konvenut u kif qallu l-konvenut. Skond il-perit, ghalkemm l-attur ghen biex jingarr il-materjal u anke ghen biex jigi maghgun it-tajn, dan ma jfissirx li hu responsabili wkoll billi dak li sar dejjem sar taht ir-responsabilta' tal-konvenut bhala l-persuna tas-sengha li kienet qed taghmel ix-xoghol (hu ghandu 30 sena eseperjenza f'dan ix-xoghol) .

Il-Perit ikkostata li taht il-madum kien jinstema l-vojt li kien ifisser li ma kienx hemm sodda adegwata tahtu. Dan hu difett li m'ghandux x'jaqsam ma xi mankament fil-materjal imma hi kwistjoni ta' tqeghid. Il-konvenut xehed li hu kien sab it-torba lesta u kien irrangaha u wittiha biex igib l-invelli.

**Madum tal-hajt fis-*shower room***

Kwantu ghat-tieni ilment tal-attur cioe' il-madum tal-hajt imqieghed fil-kamra tal-banju l-perit ikkonkluda li hemm saru zbalji fit-tqeghid specjlament il-madum bid-disinn tal-bordura. Il-fatt li l-madum tqieghed bil-genb it-twil mimdud minflok wieqaf inaqqas sa certu punt mill-valur estetiku tax-xoghol, u ma jistax jithalla kif inhu.

**Spejjez**

L-atturi nefqu b'kollox Lm2,015 konsistenti f'' Lm534 li hallsu lill konvenut tat tqeghid u Lm1,481 materjal ta' madum fl-ambjenti msemmija.

Skond il-perit, bhala rizultat tad-difetti illi fih ix-xoghol dan ma jistax hlief jinqala' u jerga' jinbidel. Ghalhekk l-ewwel zewg talbiet ta' l-atturi ghandhom jintlaqghu.

Kwantu ghall-madum li l-atturi xtraw Dok A sa G - Lm720 huma ghal madum ta' l-art. Skond il-perit, billi l-atturi mhux qed jilmentaw fuq l-ewwel ambjent, mhux il-kaz li jithallsu danni ta' madum imqieghed tajjeb u tax-xoghol li ma hemmx ilment fuqu. Ghalhekk ikkonkluda li l-konvenut ghandu jhallas biss terz ta' l-ammont ta' Lm720 u cioe' Lm240.

Ghar-rigward tax-xiri ta' madum tal-hajt u sett tal-kamra tal-banju, l-perit ikkonkluda li ghalkemm kien hemm mankament fit-tqeghid tal-madum tal-hajt, l-attur kien jaf li x-xoghol ma kienx qed jigi kif riedu hu, izda xorta wahda baqa' ghaddej u wahhal is-sett tal-kamra tal-banju, ghalhekk il-konvenut m'ghandux ihallas l-ispejjez ta' sett tal-banju gdid izda biss l-ispejjez in konnessjoni mal-qlugh tal-madum tal-hajt u rimpjazzament bil-madum gdid.

Illi l-Qorti, wara li ezaminat il-provi, u wara li rat ir-rapport tal-perit nominat, hija tal-fehma li l-kostatazzjonijiet maghmulin mill-perit gudizzjarju, kif ukoll il-konkluzzjonijiet minnu raggjunti huma gusti u korretti u hija tikkondividihom u taghmillhom taghha.

**DECIZJONI**

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet attrici u tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-atturi s-somma ta' elf mija disgha u ghoxrin lira Maltin u tnejn u tmenin centezmi (Lm1,129.82c.0).

Bl-imghax u bl-ispejjez kontra l-konvenut.

**ONOR. IMHALLEF GEOFFREY VALENZIA B.A., LL.D**

**Frankie Mercieca**
**Deputat Registratur.**